MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1547/1998/1

**Citaz Numru 1547/98 JA**

**Carmelo Galea**

**-Vs-**

**Olga Agius, Vince Agius, Pauline Agius.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentat fl-20 ta' Lulju, 1998 li bih l-attur ippremetta:

Illi huwa l-proprjetarju tal-fond numru 136A Pjazza Paola, Paola, li per mezz tal-Ftehim tat-8 ta' Lulju, 190 kien inkera lil Emanuel Agius, illum mejjet, biex jigi uzat bhala studju fotografiku, bil-kera ta' Lm0 fis-sena (Dok A);

Illi fil-ftehim imsemmi kien gie stipulat li l-inkwilin kellu l-fakulta' li jwilli l-istudju fotografiku lil haddiehor basta r-rigal konsistenti f' soma ta' flus jigi maqsum f' hamsa u tletin fil-mija lis-sid u hamsa u sittin fil-mija lill-inkwilin (klawsola 7);

Illi l-armla ta' Emanuel Agius, il-konvenuta Olga Agius, tippretendi li bi skrittura privata tat-30 ta' Ottubru, 1997 cediet il-lokazjoni tal-fond imsemmi lil binha, Vincent Agius u lill-martu, il-konvenuta Pauline Agius, bir-rigal ta' mitt Lira, u bl-istess kera ta' Lm50 fis-sena (Dok. B);

Illi t-twellijia pretosa tat-30 t' Ottubru, 1997 tal-fond imsemmi ma' hijiex genwina, hija fittizja u falza u tiddefrawda lis-sid mid-dritt li jakkwista sehem mir-rigal tat-twillija vera u in buona fede bhala korrispettiv ghad-dritt koncess lill-inkwilin li jaghmel gwadann mit-twellija tal-fond;

Illi inoltre recentement sar arrangament bejn il-konvenuti jew min minnhom u terzi li permezz tieghu is-sular terren tal-fond imsemmi jintuza minn terzi fil-waqt li s-sular ta' fuqu jigi adebit bhala l-istudju fotografiku, liema arrangament ma' sarx bil-kunsens tas-sid, l-attur, u minghajr ma' s-sid iggwadanja xi haga minn dak li ggwadanja l-inkwilin jew detentur tal-fond, u ghalhekk dan l-arrangament jilledi d-dritt tal-attur, skond il-ftehim tat-8 ta' Lulju, 190, li jiehu parti mir-rigal tat-twellija tal-fond;

Illi recentement il-konvenuti jew min minnhom minghajr il-kunsens tas-sid hamlu alterazzjonijiet strutturali estensivi fil-fond imsemmi li ma' jkunx jsita' jigi ripristinat fl-istat tieghu ta' qabel, meta l-lokazzjoni tal-fond tigi tterminata.

Illi dan kollu jilledi d-drittijiet tal-attur bhala proprietarju tal-fond imsemmi.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tiddikjara li t-twellija pretisa bis-somma ta' mitt-lira maghmula fit-30 ' Otturbru 1997 tal-fond numru 136A Pjazza Paola, Paola, minn Olga Agius lil Vincent Agius u Pauline Agius ma' hijiex in buona fede, hija falza u fittizja u mhux genwina, u tiddefrawda lill-attur mid-dritt li jircievi s-sehem patwit mir-rigal tat-twillija tal-fond, skond il-ftehim tat-8 ta' Lulju, 1950;

2. tiddikjara li l-arrangament maghmul mill-konvenuti Vincent Agius u Pauline Agius dwar l-uzu u l-utilizzazzjoni tal-pjan terren tal-fond imsemmi minn terzi minghajr ma' s-sid inghata sehem mir-rigal ta' dak l-arrangament, jilledi d-dritt tal-attur li jinghata sehem mir-rigal tat-twellija tal-fond, skond il-Ftehim tat-8 ta' Lulju, 1950 tal-lokazzjoni tal-fond; u

3. tiddikjara li l-alterazzjonijiet strutturali li l-konvenuti Vincent Agius u Pauline Agius ghamlu fil-fond de quo minghajr il-kunsens tas-sid jilledu d-drittijiet tal-attur qua proprietarju tal-fond;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 2603/98 kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xhieda ta' l-attur.

Rat li l-konvenuti naqsu jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-konvenuti tat-18 ta' Frar 1999 li permezz tieghu l-istess konvenut Vincent Agius talab li li jinghata l-fakolta li jippresenta nota tal-eccezzjonijiet; fil-waqt lil-konvenuti l-ohra Olga Agius u Pauline Agius talbu dikjarazzjoni fis-sens li huma ma gewx notifikati validament ai termini tal-Artiklu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi li huma ukoll jinghataw din il-fakolta'.

Rat il-verbal tal-10 t’ Ottubru  2003 li bih il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq dawn it-talbiet.

Rat il-provi migbura quddiem il-Qorti diversament presedjuta u quddiem l-assistant gudizzjarju l-Avukat Dottor Vincent Galea.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut biex jiggustifika l-kontumacja tieghu, xehed illi fiz-zmien li rceva ic-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh tal-kawza

kien qed jircievi diversi att tal-Qorti u kwindi haseb li kienu jirrigwardjaw l-istess vertenza li kellhu qabel (ossija mandat ta' inibizzjoni relatata mal-kawza odjerna) u ma tax wisq kaz tal-att li irceva ghaliex halla l-kopji fil-hanut..

Il-Qrati taghna f' dawn l-ahhar snin irrilassaw mhux ftit fid-diskrezzjoni taghhom biex jakkordaw lill-konvenut kontumaci il-fakolta' li jppresentaw id-difiza taghhom. Per ezempju fil-kawza "Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb" deciza fis-27 ta' Frar 1995 din il-Qorti elenkat numru ta' regoli dwar sitwazzjonijiet simili.

Dawn huma;

1. Il-kontumacja ma tistax tigi gustifikata jekk kienet volontarja.
2. Anqas tista tigi skuzata jekk almenu kolpuza (ara ukoll is-sentenza fl-ismijiet Cilia vs Farrugia (Appell Inferjuri 29 ta' Novembru 1958)
3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.
4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.
5. L-impediment biex ikun legititmu ghandhu jkun indipendenti mill-volonta tal-kontumaci.
6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx invincibbli.
7. Dan l-impediment legittimu jista jkun *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili.*
8. L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-difikolta' gravi biex tista tikkostitwixxi impediment legittimu ghandhu jkun fiziku u eccezjonalment biss tista tkun morali.

F' dan il-kaz il-konvenut kien negligenti ghall ahhar li ma tax kaz l-atti li rceva ghas-semplici raguni li kien qed jircevi atti regolarment. Dan il-fatt kellhu jispingih biex ikellem l-Avukat multo magis u mhux li jkollhu l-effett kuntrarju. Hu evidenti li t-talba tieghu li jiggustifika l-kontumacja tieghu tfalli l-esamijiet li gew elenkati fis-

sentenza citata ghaliex in-nuqqas tieghu kien certament kolpuz.

Ghal dawn il-mottivi  il-Qorti thoss li l-konvenut ma rnexxilux jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Kwantu ghall validita' tan-notifika fi-rigward taz-zewg konvenuti l-ohra, l-Artiklu 187 (1)  jghid;

*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lihal-iskrittura ghandha tkun notifikata jew billi din il-kopja tithalla f' idejn membru tal-familja  jew tad-dar jew f' idejn wiehed  fis-servizz ta' dik il-persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha*.

F' dan il-kaz il-konvenut Vincent Agius irceva t-tlett kopji hu fil-hanut tieghu. X' gara meta saret in-notifika mhux car izda certament il-marixxal ma kienx korrett li halla t-tlett kopji ma wiehed mill-konvenuti META KELLHU TLETT INDIRIZZI SEPERATI  fuq il-folder li jkun fih ic-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh.  Fil-kaz ta' mart Vincent Agius (il-konvenuta Pauline Agius) din il-Qorti xorta thoss li saret notifika valida ghaliex mill-provi jirrizulta li jghixu flimkien u l-mens legis hu certament li wiehed jippresumi li membri tal-istess familja li jghixu fl-istess dar jghaddu dokumenti ta' certa importanza lill xulxin.  Mhux l-istess pero' jista' jinghad fil-kaz tal-konvenuta Olga Agius u cioe omm il-konvenut, ghaliex din toqghod f' indirizz separat. Hawnhekk wiehed ghandhu jigbed l-attenzjoni ta' ufficjali tal-Qorti li f' dan il-kaz donnu ghamel hekk biex *jiffranka* l-bzonn li jaghmel tlett notifiki, attegjjament certament mhux responsabbli anke jekk il-konvenut offrilu hu stess li jiehu t-tlett atti hu. Ghalhekk il-Qorti ma thossx li Olga Agius ghandha tigi penalizzata.

**Ghal dawn il-mottivi  il-Qorti tiddecidi dwar ir-rikors tal-konvenuti tat-18 ta' Frar 1999 billi tichad it-talba tal-konvenut Vincent Agius u tiddikjarah kontumaci, tiddikjara li l-konvenuta Pauline Agius giet validament**

**notifikata u kwindi ukoll hija kontumaci izda tilqa t-talba tal-konvenuta Olga Agius u tiddikjara li ma gietx notifikata validament u kwindi takkordalha zmien ghoxrin gurnata mill-llum biex tippresenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha.**

**L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu mill-konvenut Vincent Agius.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------